Għajnsielem

**MINUTI – LAQGĦAT TAL-KUNSILL**

**IS-SEBA` KUNSILL**

**SEDUTA NRU. 29 – L-Erbgħa, 18 ta' Ġunju, 2014**

Il-Kunsill iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu fiċ-Ċentru Ċiviku fis-3.00 pm.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Francis Cauchi | Sindku |
| | Franco Ciangura | Viċi Sindku |
| | Stephen Mercieca | Kunsillier |
| | Larry Buttiġieġ | Kunsillier |
| | Peter Caruana | Kunsillier |
| | Amanda Abela | Segretarju Eżekuttiv |

1. **Introduzzjoni mis-Sindku**

   Is-Sindku ta bidu għal-laqgħa.

2. **Korrezzjoni u approvazzjoni tal-Minuti**

   Wara konsiderazzjoni tal-minuti numru 28, dawn ġew approvati kif preżentati u għalhekk iffirmati mis-Segretarju Eżekuttiv u s-Sindku.

3. **Korrispondenza u komunikazzjoni mis-Sindku**

   - Bozza Triq Benghazi – ċaqliq ta' bozza li ġiet approvata tul il-laqgħa tal-Kunsill f' Marzu. Is-Sindku qal li kif sar it-taqliq, kien hemm ħafna lmenti mir-residenti u għalhekk ta l-ordni li l-bozza terġa titwaħħal fejn kienet. Wara saret applikazzjoni għal bozza ġdida fejn kienet saret l-applikazzjoni taċ-ċaqliq tal-bozza.
   - Laqgħa mas-Sur Jason Micallef, *chairman* tal-Valletta 18 fejn kienu mistiedna s-sindki biex jiġu infurmati b'idea tal-kumitat għaċ-ċelebrazzjonijiet fis-sena 2018. Hu jixtieq li dawk il-Kunsilli li jtellgħu xi attività matul is-sena, jiġi infurmat il-Kumitat tal-Valletta 18 fejn jkun hemm xi fondi għal dan il-għan.

- 3 ta' Ġunju – is-sindku iltaqa' mal-kuntrattur tad-dawl tal-belvedere flimkien mal-Enġinier fuq il-post biex ġew imfissra kif se jkun id-dawl tal-bankijiet
- Bozoz tat-tarag ta' Lourdes – is-Sindku qal ordna bozoz biex jitpoġġew ġol ħajt ta' dan it-taraġ iżda hemm xi problemi biex dawn jiġu installati. Il-Kunsill qabel li dawn jiġu mibdula u jinxtraw bozoz li jeħlu mal-ħajt u mhux imħaffra.
- 12 ta' Ġunju – laqgħa ta' Onor. Buontempo li kienet laqgħa koardjali ħafna fejn huwa lest li jgħin lil kunsilli biex jimxu 'l quddiem.
- Laqgħa tal-Kabinet f'Għawdex nhar l-1 ta' Lulju fejn ġew mistiedna s-Sindki t'Għawdex biex jattendu. Is-Sindku qal li waqt din il-laqgħa se jingħata ċans biex kull Sindku jagħmel intervent. Il-Kunsill qabel li jissemmew il-punti: joħorġu skemi ta' fondi b'kollaborazzjoni mal-MGOZ; re-surfacing ta' toroq, problemi fuq il-gżira ta' kemuna, ħlas tal-ħaddiem fuq l-iskema ta' disabilità.
- Ittra mis-Sindku lid-Dipartiment tal-Artijiet rigward r-raba' li ttieħdet mill-Gvern f' 'Ta Passi' wara l-applikazzjoni tad-devoluzzjoni tal-Kunsill, fejn id-Dipartiment tal-Artijiet neħħa l-qbiela tar-raba' mhux biss ta' dak li kien talab il-Kunsill izda wkoll ir-raba' kollu ta' madwar. Is-Sindku kien bagħat ittra fejn spejga dak kollu, u talab li r-raba' li ma talabx għalih il-Kunsill jingħata lura lill-bdiewa. Is-Sindku kompla jgħid li uffiċjal mid-Dipartiment tal-Artijiet, is-Sur Oserions Aquilina żar il-post wara din l-ittra. Is-Sur Aquilina qed jitlob lill-Kunsill biex jibgħat ittra li ma jsibx oġġezzjoni biex dan ir-raba' jingħata lura lill-bdiewa bi qbiela kif ukoll li jċedi parti żgħira n-naħa ta' fuq li kien jahdem Abraham Scicluna li l-Kunsill qatt ma nkluda din il-biċċa raba' fil-permessi tal-MEPA. Is-Sindku fihem dan lill-Kunsilliera fejn indika fuq is-*survey sheet* tal-lands din il-biċċa raba'. Il-Kunsill qabel ma' dan.
- Talba mill-Ministru għal-Għawdex biex il-Kunsill idaħħal ħaddiem fuq l-iskema tal-Community Work tal-ETC. Din il-persuna, is-Sur Joseph Bugeja mix-Xewkija kapaċi jbajjad, jibni ħitan tas-sejjieħ, jiżbogħ, jkaħħal, qtugħ ta' ħaxix u affarijiet manwali oħrajn. Il-Kunsill approva li ssir talba għal dan il-ħaddiem mal-ETC.

  Ma dan il-punt, is-SE qalet li l-ħaddiema li hawn assenjati mal-Kunsill mhux qed jiġu jirraportaw lura fl-uffiċċju wara s-sigħat tax-xogħol tagħhom u saħansitra hemm min qed jiffirma filgħodu il-ħinijiet tad-dħul u t-tluq fuq it-*timesheet*. Il-Kunsill talab lis-SE biex ma taċċettax li jkun hemm il-firem tal-tluq minn filgħodu. Madankollu, il-Kunsill aċċetta l-prattika li l-ħaddiema jitilqgħu malli jlestu, mingħajr ma jirrapportaw fl-uffiċċju bix-xogħol li jkun twettaq dik il-ġurnata.
- *E-mail* mill-Ministeru għal-Għawdex biex jimmarkaw bajja fix-Xatt bħala *Dog Friendly bay*. Is-Sindku irrisponda din l-*e-mail* fejn qal li ma jaqbilx li din issir fil-bajja ta' Ġardun u qabel mal Ministeru għal-Għawdex li forsi tista fil-Bajja

ta' Ras il-Hobż. Il-Kunsill qabel mar-risposta li kien bagħat is-Sindku u qabbad lis-SE tibgħat *e-mail* fejn tinforma li l-Kunsill għadu fl-istess pożizzjoni u tistaqsi jekk sarux żviluppi fuq din il-proposta.

- IS-SE talbet għall-approvazzjoni tal-Kunsill ħlas ta' kont ta' Tac-Callu Water Supply li jammonta għal €1, 032.50 tas-servizz tat-tisqija tas-siġar tul is-sajf 2013. Kien hemm qbil li dan jitħallas.
- IS-SE spjegat li George Attard (tal-Bużaqq) mhux qed jipprovdi rċevuti għal-pagamenti tal-materjal li jinxtara għall- użu tal-ħaddiema tal-Kunsill. Il-Kunsill qabel li ma jibqax isir xiri mingħand dan il-ħanut sakemm jinħarġu l-irċevuti pendenti.
- Ittra mill-madam tal-iskola primarja fejn talbet li tuża r-*reserved parking* li jinsab quddiem il-mużew u titwaħħal tabella li turi li l-post hu riservat għal-*head* tal-iskola. L-ittra qed titlob ukoll lill-Kunsill biex titwaħħal tabella li turi direzzjoni għall-iskola. Il-Kunsill qabel li jsir arblu, b'tabelli li juru direzzjoni għall-iskola, berġa, għassa, posta, uffiċċju tal-Kunsill u librerija.
- Ittra mill-klabb tal-football fejn qed joffri li jsir tindif tal-bajja tax-Xatt l-Aħmar. Is-Sindku fakkar fit-talba li kien għamel Larry fil-laqgħat preċidenti biex tintbagħat *e-mail* lill-Enginier Bajada biex propju titnaddaf din il-bajja mill-alka, iżda il-Kunsill ma rċieva l-ebda risposta. Il-Kunsill qabel li ssir talba lis-Sur Lorry Apap u lil Marco Portelli biex jintbagħtu l-ħaddiema li hemm fuq l-iskema tal-Ministeru għal-Għawdex biex inadfu din il-bajja. Għal daqstant, il-Kunsill ma qabilx li din il-bajja titnaddaf mill-Klabb tal-Football.
- Il-Kunisll irċieva ittra b'avukat għan-nom ta' Anthony u Caroline Portelli fejn qed jitlob għal-kumpens ta' €290 għad-danni li sofriet il-karozza nhar it-18 ta' Mejju, 2014 b'kawża ta' *speed hump*. Is-SE qalet li l-avukata tal-Kunsill irrispondiet din l-ittra fejn stqarret li dan il-każ mhux responsabiltà tal-Kunsill.
- Talba għal-bozza ġdida fit-Triq il-Misraħ – is-SE qalet li kkomunikat mal-enginiera tal-Enemalta fuq din il-bozza u rriżulta li din it-talba ma taqax fil-konfini ta' Għajnsielem. Il-Kunsill qabel li għalhekk it-talba ma tistax tiġi aċċettata.
- MEMO 15/2014 – Il-Kunsilliera Stephen Mercieca talab biex jintuża l-*e-mail* mhux tal-*gov* u Peter Caruana talab biex jitneħħa l-*e-mail* tiegħu peress li ma jafx juża computer.
- MEMO 4/2014 – skema ta' fondi għall-għajnuna lill-Kunsilli Lokali li għandhom ir-responsabiltà ta' librerija – ġew approvati €200 mid-DLG.

- Talba mill-uffiċċju tal-Kultura rigward attivitajiet fil-Pjazza tar-Rebħa fiż-Żewwieqa – il-Kunsill ma sab l-ebda oġġezzjoni u qabel li ma jsirx ħlas tal-permess għal-attività.
- Ittra mill-KNPD biex il-kunsill jikkolabora biex jappella biex il-Kunsill ikun konxju tal-ażċċessibiltà fit-toroq bl-armar tal-festa.
- *E-mail* mis- Sur Manuel Xuereb b'tweġiba għar-risposta tal-Kunsil rigward xi punti għall-festa – Is-SE qrat ir-risposta tal-*e-mail* lill-Kunsill. Il-Kunsill qabel li terġa tintbagħat tweġiba li l-Kunsill jibqa jsostni li l-art imsemmiha hija żona privata u għalhekk ma taqax taħt ir- responsabiltà tal-Kunsill. Is-sindku qal li xi jiem qabel il-festa, is-Supretendent tal-Pulizija jikkordina laqgħa mal-għaqdiet tar-raħal, il-kunsill, u l-Knisja u għalhekk se jieħu nota tal-kummenti tas-Sur Xuereb u jiġu diskussi waqt din il-laqgħa. Is-Sindku kompla jgħid li dawn il-punti kemm-il darba ġew diskussi fis-snin preċedenti, u l-pulizija dejjem tat il-kontribut tagħha tul il-ġimgħa tal-festa.
- Korrispondenza mit-TM fejn informat lill-Kunsill li biex il-*hawkers* jagħmlu *earth electorde* fit-triq għaż-żmien tal-festa, hemm bżonn il-permess tat-*trenching* minn TM.
- IS-SE resqet għad-diskussjoni l-proposta għal-linji tat-telephone u internet mingħand il-kumpanija Go li huma ferm aktar vantaġġużi mill-preżent, fejn il-Kunsill jintrabat għal-sentejn. Il-Kunsill approva din il-proposta u qabel li jdallaħ servizz tal-internet WIFI biex jitpoġġa fil-Belvedere tat-Triq Hamri.
- IS-SE spjegat li saret applikazzjoni mill-ġdid għall-permess ta' DNO rigward l-*embellishment* tal-Pjazza tad-Dehra peress li permess ta' DNO iservi sena biss. B'dan il-permess tista' issir l-applikazzjoni għal-fondi taħt il-misura 414.4 li ħarġet mill-Gozo Action Group.
- Talba għal-*no objection* għal *canopy* quddiem ir-restaurant Porto vecchio fiż-żewwieqa – il-Kunsill ma sab l-ebda oġġezzjoni għal-dan.
- Is-SE informat lill-preżenti li ġiet informata mis-Sur Joseph Bonello fi ħdan id-Dipartiment tal-Agrikultura li Triq il-Qala mhix imniżżla bħala triq distributorja u għalhekk it-tindif taż-żona taqa' f'idejn il-Kunsill.
- Hsara fil-fontana tal-Pjazza Tolfa – instabet il-ħsara u l-kunsill qabel li jirranġa dan il-ħsara.
- Is-SE informat illi kemm Franco Ciangura u kemm Stephen Mercieca ma jistgħux jattendu għal Tolfa Arte – is-SE reġgħet saqsiet jekk hemmx xi ħadd mill-Kunsill li jixtieq jattendi, iżda ħadd ma xtaqt jagħmel dan. Franco se jerġa' jitlob għal-*leave* minn fuq ix-xogħol biex ikun jista jattendi. Għandu jinforma b'dan lis-SE fil-jiem li ġejjin.

- Is-SE resqet għad-diskussjoni t-talba ta' Angelo Camilleri, ex-impjegat tal-WSC biex jingħata €10 kull gurnata għal-użu tal-vettura tiegħu. Il-Kunsill hu konxju li dan l-impjegat jagħmel użu mit-trakk tiegħu għax-xogħol tal-Kunsill, iżda l-Kunsill għandu wkoll trakk li hu għad-dispożizzjoni tas-Sur Camilleri. Il-Kunsill innota wkoll li dejjem kera l-*generators,* skips u gigger mingħandu.. Il-kunsill qabel li din it-talba ma tiġix milqugħa peress li l-Kunsill għandu trakk li jista jintuza mis-Sur Camilleri stess.

**4. Proġett Green Infranet**

Is-SE resqet għall-approvazzjoni tal-Kunsill il-kwotazzjoni mingħand ADI Ltd biex tipprepara r-rapport finali skont ir-rikjesti tal-Kunsill għall-ammont ta' €7,500. Il-Kunsill approva li jsir dan l-ammont.

Is-SE qalet ukoll li l-*lead partner* tal-proġett trid li tal-inqas jattendi rapresentant mill-Kunsill f'Rimini biex jipparteċipa fil-*video* li se jsir taħt dan il-proġett. Il-Kunsill approva dan.

**5. Belvedere**

Is-Sindku qal li l-fontana ma ġietx imniżżla fid-dokument tat-tender li ppreparaw Galea Curmi Ltd bi żvista. Wara li rriżulta dan, Galea Curmi preparaw stima tal-fontana kif jixtieq il-Kunsill, li din telgħet għal-ammont ta' €23,000. Il-Kunsill qabel unanimament li din il-fontana ma ssirx iżda fejn kien maħsub li ssir fontana, isir bil-fjuri u pjanti u issir ġibja żgħira taħt is-saqaf tal-pjan tat-taraġ.

Il-Kunsill qabel ukoll li jkun hemm *irregation system* biex il-pjanti u siġar jissaqqew b'aktar faċilità. Il-Kunsill qabel li l-kuntrattur jgħaddi l-pajpijiet neċessarji għal din is-sistema, u jġib kwotazzjoni għal-pompi li hemm bżonn.

Is-SE qalet li l-perit ħadem fuq id-dokumenti tat-tenders li fadal joħorġu għal-belvedere, li huma *furniture* (6 bankijiet u 4 bins) u *railing*. Il-Kunsill approva li oħroġ l-avviż fuq il-gazzetti.

Is-SE qalet li rċiviet talba mingħand il-kuntrattur Omar Fava biex isir ħlas minn qabel ta' 50% fuq il-materjal tat-travertine. Il-Kunsill ma approvax li jsir dan.

**6. Għajnsielem Fest**

Il-kunsill iddiskuta Għajnsielem Fest għal din is-sena, fejn ġie deċiż li jsir nhar is-Sibt 16 t'Awwissu, fil-parking ħdejn Pjazzetta 10 ta' Diċembru. Il-kunsill qabel li jitqabdu *compare* lill Sander u Daniel li huma parti mit-*team* ta' zoo.

Bħala format, is-serata tkun tinkorpora siltiet mużikali minn DJ, programm ta' kant u żfin bħas-snin l-imgħoddija, ħin b'band live u disco fl-aħħar.

Il-Kunsill fakkar lis-SE biex tinforma lil Joseph Scicluna biex titneħħa l-gaġġa tas-softball mil-parking minħabba l-kiosks tal-festa u din l-attivita.

## 7. Monument kommemorattiv tal-Football

Is-SE qalet lill-preżenti li l-Perit Biġeni qed isib problema biex joħroġ tender għal-iskultura peress li hi wisq teknika u ibbażata fuq l-idea tal-artist. Il-Kunsill qabel li jikkomunika mal-artist Paul Stellini u jara jekk din tistax issir b'*direct* order.

## 8. *Cameras* fit-Triq il-Gudja, fiż-żona tal-*Bring in Sites*

Is-SE resqet għal-approvazzjoni stima mingħand l-enġineer Joseph Azzopardi biex isiru dawn il-*cameras* bl-ammont ta' €5,065.50. Il-Kunsill qabel li dawn il-*cameras* ma jsirux għalissa.

## 9. Kwotazzjonijiet

Il-Kunsill approva l-kwotazzjoni ta' Sammy Attard għat-tisqija tas-*soft areas* peress li kienet l-irħas.

Il-Kunsill qabel li l-kwotazzjoni għal-online streaming tgħaddi għand l-enġineer minn Galea Curmi għal-evalwazzjoni.

Il-Kunsill qabel li tinġab kwotazzjoni mingħand l-SS Lifts għal-*maintanance agreement* tal-lift fiċ-ċentru ċiviku peress li ma applika ħadd u l-lift hu mixtri mingħand l-SS Lifts Ltd.

## 10. *Online Streaming* tal-laqgħat tal-Kunsill

Il-Kunsill qabel li japplika għas-servizz ta' WIFI mal-Melita skont Memo 17/2014.

## 11. Talbiet mir-residenti

- Talba għal *double yellow line* fit-Triq il-Ġnien – il-Kunsill qabel li l-applikant jagħti aktar dettalji għaliex jixtieq din it-talba.
- Talba biex jinqata il-busbies fit-Triq Patri Frangisk Cauchi – jinqata mill-ħaddiema tal-Kunsill.
- Talba għal *bus shelter* fit-Triq Mġarr, faċċata tal-Gozo Heritage – issir proposta lil TM biex issir *bus shelter* f'dik iż-żona.
- Talba biex isiru *double yellow lines* fiż-żewġ kantunieri fit-Triq Barumbara ma Triq Borg Għarib – il-Kunsill qabel li dawn isiru.
- Talba biex isir *traffic management scheme* fit-Triq Simirat ma' Triq Borg Għarib – Is-Sindku qal li din kienet ġa ġie proposta mill-Kunsill bis-snin l-imgħoddija, pero biex isir din l-i*scheme* trid titneħħa l-speed hump li hemm. Il-Kunsill ma kienx qabel u għadu ma jaqbilx li din titneħħa u għalhekk ma tistax issir *traffic management scheme*. F'nofs it-triq li tisbokka fi Triq Borg Għarib hemm diġà sinjal biż-żebgħa li jindika li għandek iżżomm mal-linja. Hemm ukoll *stop sign* miżbugħa fit-triq li jindika li għandek tieqaf qabel ma toħroġ għal fuq Triq Borġ Għarib u mera biex tnaqqas il-periklu.
- Talba għal-bozza ġdida ġo sqaq fit-Triq Mġarr – il-Kunsill qabel li ssir din il-bozza skont il-pjanta sottometta.

## 12. Materji oħra

Larry Buttigieg:

- Jitnaddaf ftit żrar li hemm quddiem is-sangristija tal-Knisja ta' Lourdes – jitnaddaf mill-ħaddiema tal-Kunsill
- Staqsa jekk il-Kunsill irċieviex *invoice* tas-servizz tal-webiste tal-Kunsill – Is-SE għandha tiċċekja.

Peter Caruana

- Ħmieġ fit-triq quddiem iċ-ċentru tal-MAS . Is-Sindku qal li dik hi triq privata. Il-Kunsill qabel li tintbagħat ittra lid-Direttur tal-MAS biex jieħu ħsieb jtella' ħajt tal-kantun ta' 7 filati mat-tarf u titnaddaf it-triq. Isir suġġeriment ukoll li ssir *gate*.
- Ħaxix fit-Triq Wied Martin – jinqata' mill-ħaddiema tal-Kunsill.
- Periklu għal-vetturi meta toħrog min Triq Imrejżbiet għal Triq Mġarr – il-Kunsill qabel li ssir tabella tal-*one way* biex it-traffiku ħiereġ minn Triq Imrejżbiet jigi ddevjat għas-*service road* fit-Triq Mġarr. Il-Kunsill qabel li ssir talba lil TM.
- Talba għal-*reserved parking* fiż-Żewwieqa – is-SE qalet li trid issir applikazzjoni direttament ma' TM mill-individwu.

Francis Cauchi

- Qtugħ ta' ħaxix fit-Triq Cordina, minn ħdejn tar-Rexy sa Triq ix-Xatt l-Aħmar.

Stephen Mercieca

- Issir ħarġa annwali għat-Tradefair fin-Naxxar – Il-Kunsill approva l-ħlas tal-*coach* f'Malta.

Franco Ciangura

- Harġa kulturali f'malta kienet suċċess fejn attendew 35-il persuna.
- Issir ħarġa għat-*Tradefair* f' Monte kristo Estates – il-Kunsill approva li din issir ukoll u titħallas l-*coach* f'Malta.
- Informa lill-Kunsill li l-attività li kellha issir mill-għaqdiet f' Ta' Passi tħasret.
- Issuġerixxa li tiġi organizzata ħarġa fis-sajf għat-tfal u issir kompetizzjoni għall-isbaħ proġett. Il-Kunsill qabel ma din l-idea u approva li jinxtraw 3 rigali. Franco ghandu jieħu ħsieb aktar dettalji fuq din l-idea.
- Jistax isir xi korsijiet għal-anzjani – is-SE qalet li s-sena l-oħra kien sar wieħed fuq *computers* u din is-sena qed jerġa jsir mill-Ministeru għal-Għawdex.

**Tmiem il-laqgħa**

Wara li kien hemm qbil li l-laqgħa li jmiss issir nhar it-Tnejn, 21 ta' Lulju, 2014, fit-3.00pm, is-Sindku ddikjara l-laqgħa magħluqa fit-8.30pm

Francis Cauchi
Sindku

Amanda Abela
Segretarju Eżekuttiv